MALTA
# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tad-19 ta' Dicembru, 2014
Mandat Numru. 1861/2014/1

**Sandra Diacono (ID 79565M)**

**Vs**

**Deutsche Bank (Malta) Ltd C40219 u**
**Deutshe Holdings (Malta) Ltd (C40206)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-**rikors guramentat** ta' Sandra Diacono  tal-21 ta' Novembru, 2014 li jaqra hekk:

*"Illi l-esponenti, ghandha interess li thares l-jeddijiet taghha:*

*Illi l-esponenti, sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha tixtieq izomm lis-socjetajiet intimati milli :-*

***(1) B'kwalunkwe mod ikeccu, jitterminaw l-impjieg jew il-kundizzjonijiet u/jew r-rimunerazzjoni tal-esponenti;***

*u dan ghaliex r-rikorrenti nghatat informazzjoni verbalment mid-Direttur taz-zewg socjetajiet intimati, Reuben Attard, illi l-impjieg taghha mas-socjetajiet intimati ser jigi terminat minhabba redundancy minhabba allegat riorganizzazzjoni skond ordnijiet 'minn barra' u li ghaldaqstant ser jigi terminat l-impjieg taghha izda huwa car u manifest, inkluz minn dak li qal id-Direttur, illi l-karigi li tokkupa r-rikorrenti (kif ukoll d-dmirijiet taghha) huma u ser jibqghu in vigore ghaliex jibqghu neccessarji u bzonnjuzi ghas-socjetajiet intimati u ghaldaqstant m'hemmx lok ghal u ma tezisti ebda bazi legali ghal redundancy skond il-ligijiet ta' Malta u skond l-gurisprudenza tal-Onorabbli Qrati ta' Malta u tat-Tribunal Industrijali;*

*Illi minghajr pregudizzju id-direttur Attard insista mar-rikorrenti illi fil-waqt li kien qieghed jaghtiha n-notice hi ma kienetx ser tkun intitolata tahdem in-notice taghha anke li kieku xtaqet tahdmu - hekk kif fil-fatt ghandha dritt taghmel skond il-Kap 452, Ligijiet ta' Malta.*

*Illi sa'llum l-impjieg tar-rikorrenti ghad ma giex terminat u in fatti, mikejja illi d-direttur informa lir-rikorrenti biex ma tidholx ghax-xoghol huwa informha illi ghandha tibqa "on call" u li ma kienx ser jirregistra l-FORM K mar-Registru tal- Kumpaniji sabiex titnehha mill-kariga ta' company secretary tal-kumpaniji intimati.*

*Illi in oltre, f'dan il-kuntest, s-socjeta intimata permezz ta' email mibghuta mill-istess direttur Reuben Attard talbet lir-rikorrenti taccetta (billi tiffirma) skrittura (hawn anness bhala "**DOK 1**"), liema skrittura kienet tghid illi qed taccetta pagament li permezz taghha qed tirrizenja minn jheddha u qed tirrinunzja ghad-drittijiet kollha taghha skond il-ligi, liema kuntratt izda hi ma ffirmatx u dan stante illi qatt ma kienet l-intenzjoni taghha illi tirrezenja u fl-istess waqt huwa car u manifest illi s-socjeta' intimata m'ghandiex dritt tittermina l-impjieg taghha abazi ta redundancy.*

*Illi minkejja illi s-socjetajiet intimati gew interpellati jiefqu milli jkomplu b'dan l-agir illegali u bl-intendiment illi jitterminaw l-impjieg tar-rikorrenti, dawn baqghu inadempjenti u ghaldaqstant huwa necessarju illi r-rikorrenti tikkawtela d-drittijiet taghha;*

*Illi l-esponenti se tigi ppregudikata jekk s-socjeta' intimata ma tigix inibita kif inghad ghaliex ser titlef l-impjieg taghha b'mod indefinittiv u fic-cirkostanzi taghha mhux facli illi terga ssib xoghol alternattiv;*

*Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex izomm lill-intimati milli ikomplu jaghmlu l-hwejjeg hawn fuq imsemmija."*

Rat id-digriet taghha tal-21 ta'Novembru 2014 illi bih laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, u ordnat in-notifika tal-atti lill-kontro parti u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza tal-5 ta'Dicembru 2014 fil-10.45am.

Rat illi l-atti tar-rikors, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjetajiet intimati skond il-ligi;

Rat id-digriet ulterjuri taghha, wara r-rikors tar-rikorrenti, li permezz tieghu rrikjamat il-kawza ghas-smiegh ghat-2 ta' Dicembru 2014 f'12:00 (a fol. 34);

Rat ir-risposta ta' Deutshe Bank (Malta) Ltd u Deutshe Holdings (Malta) Ltd tas-26 ta'Novembru 2014 (a fol. 35 et seq) li taqra hekk:

*"Illi din il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni f'dan il-kaz ghar-ragunijiet segwenti:*

1. *Illi fl-ewwet lok u preliminarjament, billi l-kwistjoni kollha hija dwar redundancy, din hija materja li hija esklussivament u espressament riservata ghat-Tribunal Industrijali skont il-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk din il-Qorti m'hijiex kompetenti rationae materiae biex tiddeciedi fuq il-kwistjoni mqajma mir-rikorrenti;*

2. *Illi fit-tieni lok u wkoll in linea preliminari, fl-umli opinjoni tal-intimati ma jikkonkorrux l-elementi mehtiega fil-ligi ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni u dan ghaliex l-Artikolu 873(2) tal-Kapitolu l2 tal-ligijiet ta' Malta hu mfassal fuq zewg sisien u jistipula testwalment li:*

    *L-qorti m'ghandhiex toltrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il mandat* ***huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet*** *[Enfasi mizjuda];*

3. *Illi dwar tal-Artikolu 873(2) qed jigi rilevat illi r-rikorrenti ma ghandha l-ebda jedd bil-ligi li twaqqaf process ta' redundancy li diga beda fil-konfront taghha u li ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ma tistax tipprotegi jedd li prima facie huwa inezistenti;*

4. *Illi ai termini tal-Artikolu 873(2) u dejjem fl-umli fehma tal-intimati, m'hemm l-ebda irrimedjabilita' tal-pregudizzju li allegatament ser jigi soffert mir-rikorrenti u dan ghaliex ir-rikorrenti ghandha kull dritt li tirrimedja ghal kull pregudizzju soffert billi tikkontesta r-redundancy in kwistjoni u tiftah kaz quddiem it-Tribunal lndustrijali fejn titlob li tinghata kumpens gialadarba jkun deciz li d-drittijiet taghha gew miksura mill-intimati;*

5. *Illi dwar l-artikolu 873(2) surreferit din l-Onorabbli Qorti kif diversament preseduta id-degretat fir-rikors fl-ismijiet Inginier Jos. A Agius v GO PLC ta' dsatax (19) ta' Gunju 2013 illi:*

   *Inoltre il-kriterji stabbiliti huma kriterji oggettivi u fl-applikazzjoni tal-ligi dwar kif u meta ghandu jinhareg mandat il-Qorti ghanda tuza interpretazzjoni restrittiva...... [Omissis] ma jistax jinhareg mandat jekk il-hsara lamentata mir-rikorrent tista' tigi rimedjata mod iehor:*

6. *Illi d-digriet hawn fuq imsemmi, jikkonferma t-tezi tas-socjetajiet intimati, li r-rikorrenti kellha tfittex ir-rimedju opportun, u dan billi tintavola l-pretenzjonijiet taghha quddiem it-Tribunal Industrjali, kif trid il-ligi;*

7. *Illi bla hsara ghall-premess, ghal dak li jikkoncerna l-meritu huwa guridikament inkoncepibbli li wiehed b'certezza jghid illi ma tezisti ebda bazi legali ghal redundancy u dan ghaliex skont decizjonijiet ta' Tribunal Industrijali redundancy tista' ssehh ukoll meta t-terminazzjoni tal-impjiegi jkun ikkawzat minn ezercizzju ta' ristrutturazzjoni nterna ta' grupp ta' kumpaniji kif inhu l-kaz de quo;*

8. *Illi s-socjetajiet intimati isostnu bl-aktar mod kategoriku illi ma hemm l-ebda ksur sfaccat ta' xi dispozizzjoni tal-ligi u dan ghaliex r-redundancy tar-rikorrenti qed issir*

*minhabba re-organizazzjoni genwina u fuq dan il-punt it-Tribunal Industrijali sostna illi:*

***Socjeta' kummercjali ghandha kull dritt, anzi obbligu li twettaq il-hidma taghha bl-inqas spejjez possibbli u minn zmien ghall-iehor tkun trid tirristruttura ruhha.*** *Hafna drabi dan jirrizulta sfortunatament.f'licenzjament ta' xi haddiema. Izda dan issir biex tigi protetta l-pozizzjoni finanzjarja u kompetitiva taghha u f'certu sens biex jigi protett l-impjieg tal-haddiema li jibqghu. (Wilfred Sammut v AX Construction Limited, Tribunal Industriali 4 ta' Dicembru 2002) [Enfasi mizjuda],'*

9. *Illi ir-rikorrenti ma tistax torbot ruhha mal-fatt illi kull kumpanija ghanda bzonn segretarju/a dan ghaliex s-socjetajiet intimati dejjem ikollhom is-setgha li jnehhu lis-segretarju/a tal-kumpanija ai termini tal-artikolu 138 tal-Kapitolu 386 tal-ligijiet ta' Malta;*

10. *Illi fl-ahhar, l-argument tar-rikorrenti dwar l-iskrittura privata huwa bir-rispett kollu bla bazi legali u ghal kollox inkorrett u dan ghaliex dik l-iskrittura privata kienet qed tigi uzata bhala punt ta' tluq fin-negozjati bejn ir-rikorrenti u l-intimati u bl-ebda mod ma tirrifletti fuq is-socjetajiet intimati semmaj turi l-buona volonta tas-socjetajiet biex jaslu ghall-kompromess dwar ir-redunancy tar-rikorrenti filwaqt li ippruvaw jidhlu f'tahdidiet mar-rikorenti.*

*Ghal dawn ir-ragunijet, u ghar-ragunijiet kollha li jistghu jirrizultaw waqt is-smigh quddiem din il-Qori fil-5 ta' Dicembru 2014 fl-10.45 ta' filghodu, is-socjetajiet intimati jirribadixxu li din il-Qorti ghandha tichad it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug tal- mandat ta' inibizzjoni mitlub bl-ispejjez kontra r-rikorrent."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-mandat;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Mix-xhieda tar-rikorrenti Sandra Diacono jirrizulta illi hija kienet ilha mpjegata mas-socjetajiet intimati mis-sena 2007 u *full-time* mis-sena 2008 bhala Assistent tad-Direttur, u lahqet il-kariga ta' *Company Secretary* fis-sena 2010.

Hija xhedet illi din il-kariga tirrikjedi xoghol ta' certu responsabbilita' 'l ghaliex z-zewg kumpaniji jkollhom diversi attivitajiet u zviluppi bhala *financial u credit institution*. Hija xhedet li kienet responsabbli ghal-*annual general meeting* (AGM) taz-zewg kumpanija, ghal-preparazzjonijiet ghall-istess *AGMs*, ghall-komunikazzjoni, ghar-*record keeping* u bhala ufficjal tal-istess kumpanija. Hija xhedet li ghal jabta ta' Frar 2014 irceviet telefonata minn Andrew Bartlet, ufficjal gholi tas-socjeta' estera fl-Ingilterra li nformaha li ghas-sena vigenti l-kumpanija ma kienet ser taghti ebda bonuses. Huwa kien informaha li kien ser ikun hemm xi tibdiliet u informaha ulterjorment li rwol taghha ta' *company secretary* ser jispicca u li dan l-irwol ser jigi effetwat mill-Germanja Vide fol. 42 u 43.

Nelfrattemp inghatat informazzjoni illi ghalkemm sejra titlef il-kariga taghha l-kumpanija kienet qed tipprova issibilha xoghol iehor fuq attivita' ta' negozju differenti.

Minn Frar sa Novembru Diacono xhedet li baqghet tahdem fl-irwol taghha. Sussegwentement fl-4 ta' Novembru 2014, Reuben Attard kien baghat ghaliha u informaha li kien kostrett li jaghtiha in-*notice* u li skond il-ligi kellha tmien gimghat *notice* li l-kumpanija riditha li tahdem gimghatejn minn dan in-*notice* u li ser ikun hemm pagament *ex gratia*. Sandra Diacono xhedet li talbet lil Attard sabiex jibghatilha kollox bil-miktub. Illi tlett ijiem wara rceviet ***draft* ta' "compromise agreement"** li fih Sandra Diacono giet mitluba tirrezenza u tirrinunzja d-drittijiet taghha u ikkonfermat Dok. 1 a fol.6 u 7.

Sandra Diacono xhedet li hija ma iffirmatx dan il-"compromise agreement" 'l ghaliex hija ma kienitx irrezenjat. Xhedet li hassitha insultata b'dak il-ftehim u rrikorriet ghal-ghand l-Avukat taghha.

Gurnata qabel ma skadew il-hmistax–il gurnata ta' *notice period* li kellha tahdem, Attard kien qalilha li ma kellhiex ghalfejn tithol xoghol fl-ahhar gurnata tan-*notice*. Diacono xhedet li bhala *company secretary* hija kienet a firmatarja mad-Diretturi u ghaldaqstant informat lill Attard li societa kellha tipprepara il-formoli necessarji tal-Malta Financial Services

Authority biex isimha ma jibqax jidher bhala *company secretary*. Diacono xhedet illi hija qatt ma nghatat bil-miktub mis-socjeta' intimata illi hija giet *redundant*. Diacono ikkonfermat in oltre illi t-terminazzjoni tal-impjieg taghha fuq bazi ta' *redundancy* ma gietx deciza mill-bord tad-Diretturi f'*Board Meeting* skond l-Artikolu 62 tal-Articles of Association ta' Deutshe Bank Malta Limited – vide fol. 58.

Diacono xhedet illi hija kompliet taqdi dmirijietha  sal-ahhar tal-impjieg taghha.

In kontro-ezami Sandra Diacono ikkonfermat li ghalkemm naqqsu fil-frekwenza il-*Board Meetings,* kien hemm ukoll il-*Comittee Meetings* li kellhom per forza jinzammu skond ir-regolamenti. Diacono affermat li Reuben Attard kien taha in-*notice*, u li giet informata li kienet *redundant*. Ikkonfermat ukoll illi ebda ufficjal tal-bank ma gieghelha tiffirma il-"compromise agreement". Ikkkonfermat ukoll li l-Avukat taghha beda komunikazzjoni mal-Avukat tal-bank, u li l-ebda ftehim ma ntlahaq.

Reuben Attard, CEO tas-socjeta' intimata xhed a fol. 105 et seq, u kkonferma li fi Frar 2014 Andrew Bartlet kien informa lir-rikorrenti li kien hemm riskju li r-rwol taghha ta' *company secretary* ser jigi *redundant* minhabba *internal restructuring*. Huwa xhed illi l-bank ipprova jsalva l-impjieg tar-rikorrenti billi ggieldu u rebhu sena impjieg u billi ipprovaw jahdmu fuq linja ta' negozju gdid sabiex isalvaw l-impjieg ta' Diacono. Illi din il-linja ta' negozju ma rnexxietx, u ghaldaqstant l-rwol ta' *company secretary* gie centralizzat f'Berlin.

Ghaldaqstant kellu jinforma lir-rikorrenti Diacono li r-rwol taghha ta' *company secretary* kien ser ikun *redundant*.  Ebda notizja ta' dan ma saret bil-miktub. Huwa xhed li dan kien ghaliex l-bank kien qed jipprova jasal f'kompromess u jevita ir-*redundancy*. Huwa ddikjara illi dan l-ahhar sentejn minn disa' impjegati baqghu biss erba' u l-kapital tal-kumpanija minn 4.7 biljuni Ewro nizel ghall- 5 mitt miljun  Ewro. In-*notice period* kellu jispicca fit-30 ta'Dicembru 2014.

In kontro-ezami Attard ikkonferma illi Sandra Diacono kienet impjegata miz-zewg socjetajiet. Huwa xhed illi tmien gimghat *notice period* kienu dovuti lir-rikorrenti skond il-ligi, u li dak li offrew is-socjetajiet intimati fir-realta' kien pagament uniku  *ex gratia* ta' erba' gimghat *full pay*.

Illi r-ristrutturazzjoni li kienet qed issir fil-bank Malti kienet qed tigri wkoll mal-*branches* kollha tal-Ewropa. Attard ikkonferma Memorandum and Articles of Association ta' Deusche Malta Limited cioe' Dok. DG a fol. 58, u ikkonferma r-regolamenti dwar l-appuntament u s-sostituzzjoni tal-*company secretary* skond id-determinazzjoni tal-Bord tad-Diretturi.

Mitlub jikkonferma illi z-zewg kumpaniji fis-sena li ghaddiet ghamlu wiehed u erbghin miljun profitt u wiehed u miljun Ewro profitt, rispettivament, Attard xhed illi fis-snin ta' qabel iz-zewg socjetajiet kienu ghamlu telf sostanzjali, izda ammetta li fis-sena li ghaddiet ghamlu profitt. Attard xhed illi x-xoghol tal-*company secretary* kien naqas. Attard xhed li huma ghamlu l-*costing* taghhom u sabu illi l-option ta' *company secretary* f'Berlin kienet l-irhas *option*. Ikkonferma a fol. 115 li sad-datata tax-xhieda tieghu cioe' it-2 ta'Dicembru 2014, Sandra Diacono kienet ghadha tidher bhala *company secretary*.

A fol. 115 Attard xhed is-segwenti *"Qabel ma hadna certu decizjonijiet, jien u l-Bord tad-Diretturi iddusktejnieha bilateraly jigifieri ma iddiskutejnihiex f'Bord Meeting, Pero iddiskutejniha diversi drabi throughout the year f'conference calls."*

**Ikkonsidrat:**

Skond l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta'Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Skond l-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, ghalhekk, johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu; u
**Fit-tieni lok**, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Il-ligi thares il-jedd *prima facie* bħala rekwizit meħtieg għall-ħrug tal-Mandat. Irid ghalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie,* biex jimmerita harsien. Mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta’, disagju jew tħassib [ara digriet – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħrug ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni fl-ismijiet “**Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et**” (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

Dwar il-prova tal-jedd *prima facie,* l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha tal-**14 ta’ Lulju 1988** fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:

> ***“... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru ‘prima facie’, ma’ l-ewwel daqqa t’ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat.”***

Tenut kont tal-fatt illi s-subinciz (2) huwa marbut ma` s-subinciz (1) tal-Artikolu.873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta’ pregudizzju rikjest bhala bazi ta’ akkordar ta’ hrug ta’mandat kontra il-Gvern, m’ghadux pregudizzju “li ma jkun jista’ jigi irrimedjat”, izda bizzejjed li jintwera li dan il-pregudizzju ikun wiehed sproporzjonat.

Irid jinghad ukoll **jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista’ jitneħħa**, **mqar b’deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.** (Vide digriet tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili deciz fit-**2 ta` Jannar 1993** - Atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta’ Inibizzjoni fl-ismijiet **“Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe”**)

Il-Mandat ta’ Inibizzjoni **huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali** (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta’ Jannar 2005** per **Imhallef Joseph R. Micallef** :

> ***“... il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista’ jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem b’mod irrimedjabbli.”***

Illi il-Qorti taghraf illi ghandha taghmel accenn ghal dak ritenut fid-digriet ta' dawn il-Qrati datat **18 ta'Lulju 2008** fl-ismijiet **Av. Dr. John Gauci vs Direttur tal-Kuntratti**:

> ***"Ir-rabta ta' Mandat t'Inibizzjoni m'ghandhiex tintuza bhala arma ta' theddid jew geghiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew taghmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma taghmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqghax ghodda li thares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li zzomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-ligi li l-Mandat ta'Inibizzjoni jinbidel f'arma bhal din."***

Illi jinghad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba ghall-hrug ta' l- Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor ma jfissirx, illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat. – vide **V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti** deciza fil-**31 ta'Jannar 2011** per **Onor Imhallef J.Zammit McKeon**.

Tajjeb jinghad ukoll li procedura ta` din ix-xorta hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd.

**Ikkonsidrat:**

Is-socetajiet initmati eccepew illi din il-Qorti m'ghandhiex kompetenza li tordna il-hrug ta' Mandat ghaliex a bazi tal-Artikolu 75 tal-Kapitolu 452, il-gurisdizzjoni esklussiva dwar il-materja sollevata mir-rikorrenti taqa' fi hdan it-Tribunal Industrijali.

Illi nfatti dan l-Artikolu jipprovdi:

***75. (1) Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi –***

***(a) il-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta; u***
***(b) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat- Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu, għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u rrimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra:***

***Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tinftiehem li tolqot id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta dwar uffiċjali pubbliċi jew ma għandha tolqot it-tħaddim tal-Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port jew tal-Att li Jirregola l-Impiegi fit- Trasport Pubbliku; u f'dan l-artikolu l-espressjoni "ħaddiem" ma tinkludix uffiċjali pubbliċi jew xi persuna li għaliha japplikaw limsemmija Ordinanza jew Att.***

Illi l-Artikolu 2 tal-istess Kapitolu 452 jaghti it-tifsira u sinjikikat ta' "tcekkija ingusta":

***"tkeċċija inġusta", dwar ħaddiem, tfisser -***
***(a) it-temm mill-prinċipal dwar dak il-ħaddiem ta' kuntratt ta' impieg għal żmien mhux stabbilit (barra minn impieg bi prova skont kif imfisser f'dan l-Att) li jkun temm li ma jsirx biss minħabba redundancy jew għal raġuni xierqa skont id-disposizzjonijiet rilevanti ta' dan l-Att jew xi regolamenti magħmulin taħt dan l-Att, jew***
***(b) li jkun sar bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 64(4), jew***
***(ċ) li, għalkemm isir minħabba redundancy jew għal raġuni xierqa, ikun diskriminatorju kif imfisser f'dan l-Att jew f'xi regolamenti magħmulin taħtu; u tinkludi kull nuqqas mill-prinċipal li jerġa'***

> ***jimpjega lil dik il-persuna jew li jerġa' jimpjegaha skont l-artikolu 36(3);***

Il-Qorti ezaminat ukoll id-digrieti finali tal-**Onor Imhallef Joseph Zamit McKeon** datat **8 ta' Novembru 2012** fl-ismijiet **Malta Union of Bank Employees vs HSBC Bank Malta plc**; u dak ta' tal-**Onor Imhallef Joseph Azzopardi** datat **28 ta'Jannar 2013** fl-ismijiet **Mark Muscat vs HSBC Bank Malta plc** li fihom giet michuda l-eccezzjoni ta' gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali.

Il-Qorti rat u ezaminat ukoll it-tisfira l-konsegwenzi u r-ramifikazjoni tal-kuncett ta' *redundancy* hekk kif spjegata fid-decizjonijiet tal-istess Tribunali Industrijali fl-ismijiet **Joseph Bartolo vs St Philips Hospital Golden Shepard Group Ltd** deciza fis-**26 t'April 2002** (per **Chairman Dr. J Bonnici**); **Vanessa Fenech vs SL Ship Management Company Limited** deciza fit-**2 ta'Lulju 2014** (per **Chairman Franco Masini**); **Lara Boffa vs Philip Toledo Limited** deciza fil-**15 t'Ottubru 2014** (**per Chairman James Henry Pearsall**); u **Joseph Baldacchino vs F.S. Engineering and Plastics Limited** deciza fis-**6 ta'Novembru 2014** (per **Chairperson Dr. Charmaine Cristiano Grech**).

Il-provi juru illi z-zewg kumpaniji intimati, s-sena li ghaddiet**, ghamlu profitt ta' tnejn u seghin miljun Ewro**. Di piu, mit-testimonjanza li ngabet a konjizzjoni ta' din il-Qorti, jirrizulta illi wara seba' snin hidma mas-socjetajiet intimati, Sandra Diacono giet informatha illi x'aktarx il-post ta'*company secretary* ser isir *redundant*. Ghalkemm saru sforzi sabiex tinstab posizzjoni ohra permezz ta'negozju gdid illi s-socjetajiet intimati kienu qeghdin jipprovaw jiksbu, dan ma rnexxiex. Fl-4 ta' Novembru giet nformatha verbalment illi l-impjieg u l-kariga taghha sar *redundant***.**

Illi eppure ebda avviz formali bil-miktub ma inghata lil Sandra Diacono, ebda *Board Meeting* ma nzamm ghat-tnehhija jew ghal-sostituzzjoni l-istess Diacono skond il-*Memorandum and Articles of Association* tal-istess socjetajiet intimati. – Vide *Memorandum and Articles of Association ta' Deusche Malta Limited* cioe' Dok. DG a fol. 58. **Aktar importanti jidher li sal-gurnata tal-llum Sandra Diacono ghadha tidher fil-posizzjoni ta'** ***company secretary*** **tas-socjetajiet intimati mal-MFSA** u li **Diacono giet informatha illi kellha tibqa' "*on call*"**. Di piu, jidher minn Artikolu 51 tal-istess *Memorandum and Articles of Association* illi **huwa mandatarju illi l-*Board Meetings* isiru f'Malta** u l-minuti tal-istess

*Board Meetings* ghandhom **jigu iffirmati mic-*Chairman* u l-*Company Secretary*** vide dorso ta fol. 57.

Din il-Qorti taghraf ghalhekk it-terminazzjoni fuq bazi ta' *redundancy* ghadha dibattibbli u dubbjuza ghall-ahhar, u dan 'l ghaliex jidher illi skond l-istess *Articles of Association* il-posizzjoni ta' *company secretary* hija mandatorja anka 'l ghaliex Sandra Diacono hija firmatarja. Ghalhekk jidher li s-socjetajiet intimati ghadhom qeghdin jisservew bil-posizzjoni ta' Diacono bhala *company secretary* fuq il-kotba tas-socjetajiet ghal-fini u effetti kollha tal-ligi u ghall-apparenza ta' legalita' tal-istituzzjonijiet imexxija minnhom.

Huwa precizament **ghaliex ma jidhirx,** fit-termini fuq indikati, illi l-impjieg ta' Diacono gie terminat, illi din il-Qorti ghandha gurisdizzjoni u huwa f'dan is-sens ukoll li jidher illi Diacono ghandha jedd *prima facie*.

Illi l-Qorti rat u ezaminat ix-xhieda migjuba a konjizzjoni taghha b'mod specjali x-xhieda ta' Diacono u jidher car illi Diacono ser issofri pregudizzju kbir anki wiehed li jista' jkun irrimedjabbli in vista tal-fatt illi kemm–il darba ma jinharigx dan il-mandat Diacono mhux biss titlef l-impjieg taghha izda jkun difficli, jekk mhux impossibli li ssib mpjieg ta' parita in vista tal-eta taghha.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti tichad l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjetajiet intimati, tiddikjara illi huma sodisfatti r-rekwiziti kollha tal-Artikolu 873 tal-Kapitolu 12, ghaldaqstant il-Qorti tordna l-hrug tal-Mandat t'Inibizzjoni kontra s-socjetajiet intimati sabiex la jkeccu, la jitterminaw l-impjieg jew il-kundizzjonijiet u jew ir-rimunerazzjonijiet tar-rikorrenti.

Tordna li l-ispejjez kollha ta' dan il-procediment jithallsu mis-socjetajiet intimati.

**Moghti kameralment illum il-Gimgha 19 ta'Dicembru 2014**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------